MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 199/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Mercieca)**
**Vs**
**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. matul dawn l-ahhar gimghat, f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet taghha moghti mill-Magistrat Dr. G. Grixti LL.D, nhar it-12 ta' Frar, 2009, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija;
2. permezz tal-imsemmi digriet, kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu b'ordni tal-Qorti w cioe' dahal gewwa d-dar matrimonjali;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkaguna lil bintu Chantelle Farrugia biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ taghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 579(2) u 215B tal-Kap. 9 u kif ukoll l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta’ l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u kkundannatu jhallas multa ta’ € 400, li tista’ tithallas b’rati ta’ €40 fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi zmien gimgha. Fin-nuqqas ta’ hlas ta’ xi parti minn din il-multa, din ghandha tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta’ Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuzi kollha w, fin-nuqqas, taghti piena aktar gusta w ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’:- li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Minkejja li mhux qed jigi kontestat il-fatt li l-appellant dahal fid-dar konjugali, hu jhoss li ma kisirx il-kondizzjoni tal-Qorti, ghaliex l-intenzjoni tal-Qorti kienet sabiex ma jkunx hemm kuntatt bejnu w bejn martu matul il-proceduri kriminali (fejn hu qed jigi akkuzat b’ offizi ta’ natura gravi kontra martu). L-intenzjoni tal-appellant ma kienetx li jisfida l-ordni tal-Qorti, izda kienet emergenza ghat-tifel tieghu ta’ tlitt snin, li ried imur fit-toilet. Illi gie stabbilit li l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja jridu jkunu ta’ certa entita’ li jipperikola l-intenzjoni tal-hrug tal-liberta’ provizorja (Sic!). L-appellant ma ghamel xejn hazin meta dahal f’ dar vojta w f’ ebda hin ma kellu kuntatt mal-mara tieghu. Ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-

Prosekuzzjoni ma kellhiex provi bizzejjed sabiex issib lill-appellant hati li bezza' lil bintu. Hu nnega xi diskors dwar spluzzjonijiet fl-istqarrija tieghu w dad-diskors lanqas ma kien konfermat minn bint l-appellant stess. Kull ma kien hemm kienet xhieda tal-prosekuzzjoni dwar ir-rapport. Inoltre l-piena mhix ekwa w gusta.

Semghet ix-xiehda tal-Ispettur  Arthur Mercieca.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi f' dan il-kaz l-unika prova li ngabet, apparti l-konferma tal-akkuza bil-gurament mill-Ispettur Mercieca, kienet l-istqarrija tal-appellant u kopja tad-Digriet tal-ghoti lilu tal-liberta' provizorja fil-kawza kriminali pendenti, fejn hu qed jigi akkuzat li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu (Dok. AM).

Illi proprju l-ghaxar kondizzjoni imposta bid-Digriet tat-12 ta' Frar, 2009 (Dok AM a fol 8 tal-process) tghid espressament:-

***“Li ma jersaqx lejn id-dar matrimonjali.”***

B' dana kollu l-appellant, fl-istqarrija tieghu (a fols 9 u 10 tal-process), ammetta li hu mhux biss resaq lejn id-dar matrimonjali izda addirittura dahal fiha ghax it-tifel tieghu, li kien mieghu go *garage* vicin ir-residenza matrimonjali, ried imur fit-*toilet* u wahdu ma riedx imur. Ghalhekk huma dahlu d-dar u wara li ibnu sserva, regghu hargu w irritotrnaw fil-garage. Hu qal li fil-*garage* ma kellux *toilet* u it-tifel ikun irid jaghmel fuq il-*potty seat*. Qal ukoll li xi tlitt gimghat qabel kien ukoll dahal id-dar ghax it-tifel kien ghamillu pipi tahtu w dahal ibiddillu.

Illi l-kondizzjonijiet imposti mill-Qrati meta tigi moghtija l-liberta' provizorja ghandhom dejjem jigu osservati *ad litteram* u skrupolozament u ma ghandux jinghata lok ghal kavillar zejjed fl-interpretazzjoni taghhom meta jkunu cari w kategorici, kif inhi l-kundizzjoni numru 10 tad-Digriet fuq

imsemmi. Lanqas ma ghandu jinghata lok li jigu accettati skuzi fil-komma biex wiehed jipprova jiggustifika l-ksur taghhom.

L-appellant kellu ordni cara li ma jersaqx lejn id-dar matrimonjali. Eppure, *ex admissis*, mill-inqas f' zewg okkazjonijiet, bi skuza tal-bzonnijiet naturali ta' ibnu ta' tlitt snin, ivvjola din il-kondizzjoni w addirittura dahal gol-istess dar. Anki jekk kien minnu li ibnu kellu bzonn imur fit-*toilet* jew li kien hemm bzonn li jbiddillu, l-appellant kellu soluzzjonijiet ohra w mhux biss dik li jidhol fid-dar matrimonjali espressament kontra d-divjet tal-Qorti. Ghalhekk l-ispjegazzjoni jew skuzanti li qed jaghti ma tistax tigi accettata bhala skriminanti minn din il-Qorti w r-reat jissussisti xorta wahda. Konsegwentement l-aggravji dwar l-ewwel imputazzjoni huma infondati w qed jigu respinti.

Ikkonsidrat;

Dwar it-tieni aggravju, invece, l-appellant ghandu ragun. Ma' ngabet ebda prova diretta li l-appellant bezza' lil bintu ghax din ma telghetx tixhed f' dan il-kawza w xehed, x' xehed l-Ispettur Mercieca fir-rigward, jibqa' dejjem *detto del detto* w ghalhekk mhux prova ammissibbli fic-cirkostanzi. Mill-banda l-ohra, fl-istqarrija tieghu, l-appellant m' ammetta bl-ebda mod li hu kkaguna biza' lil bintu fit-termini tal-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali. Jekk stess bintu pprejokkupat ruha dwar x' seta' jigrilu missierha l-appellant, dan zgur mhux biza' ghaliha li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha imma biza' ghall-appellant innifsu. Ghalhekk dan l-aggravju hu gustifikat u qed jigi milqugh.

Dwar il-piena, din issa bil-fors li trid tigi varjata in forza tal-konkluzzjoni appena raggunta dwar in-nuqqas ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, bl-assorbiment tat-tieni

imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, w tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni w in kwantu kkundannatu erba mitt Ewro multa (€400) u minnflok ma ssibux hati tat-tielet imputazzjoni w minnha tilliberah u tikkundannah ghall-piena pekunjarja ta’ tlitt mitt Ewro (€300) ghall-ewwel imputazzjoni, b’ dan li din il-multa tkun tista’ tithallas b’ rati ta’ erbghin Ewro (€40) fix-xahar, l-ewwel pagament isir fi zmien gimgha mil-lum. Fin-nuqqas ta’ hlas puntwali ta’ xi skadenza wahda  jew parti minnha, l-bilanc isir kollu esigibbli minnufieh u, jekk ma jithallasx, jigi konvertit f’ terminu ta’ prigunerija b’ jum prigunerija ghal kull Ewro 11.65c li jkun ghadhom dovuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------